Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Numru 604/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR IVAN CILIA**
**VS**
**RAYMOND FIOTT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Fiott ta' 30 sena, iben Andrew u Margaret Rose nee' Mifsud, imwieled San Giljan fid-9 ta' Mejju 1980, residenti f'Jeand Mary, Triq it-Trunciera t-Twila, San Gwann u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 277080(M);

Illi huwa akkuzat talli fis-snin 2009 u 2010 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih u ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, u cioe' merkanzija

tal-kumpanija JCC Vending Company Limited li l-valur jaccedi s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema merkanzija giet f'data jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema merkanzija giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;
2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mimmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi haga kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' JCC Vending Company Limited.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 2 ta' Settembru 2010 (a fol.6 );

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.15) taht liema Artikoli din il- Qorti tista ssib htija fl- imputat;

Rat il-verbal datat 13 ta’ Ottubru, 2010 (fol.16) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Raymond Fiott** hati ta’ l-ewwel (1) akkuza, waqt li t-tieni (2) akkuza giet irtirata fil-15 ta’ Novembru 2010 u wara li rat Artikoli 293, 294, 310(1)(a), 17, 18, 31 u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn.**

In oltre’, il-Qorti rat l-obbligazzjoni ta’ l-imputat illi jibqa’ jhallas il-bilanc tas-somma dovuta lill-kwerelanti u cioe tmient elef erbgha mija u tmintax-il Euro (€8,418) li ghandhom jithallsu b’rati mensieli ta’ erba’ mitt Euro (€400).

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali ta’ l-imputat u l-fatt li l-imputat obbliga ruhu li jhallas il-pendenzi kif fuq indikat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------